

## DEĊIŻJONI (UE) 2017/1722 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2017

**dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2015**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2015,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2015, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni <sup>(2)</sup> dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2015 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2017 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2015 (05873/2017 — C8-0050/2017),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0146/2017),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2015;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Antonio TAJANI

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 449, 1.12.2016, p. 203.

<sup>(2)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.